MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2004

Numru. 128/2004

PULIZIJA
SPETTUR DENNIS THEUMA
VS
NOEL MICALLEF

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Noel Micallef ta' 34 sena iben il-mejjet Joseph u Helen nee Bezzina imwieled Birkirkara fit-3 ta' Dicembru 1969 residenti numru 162 Massabielle, Triq Ignazio Saverio Mifsud l/o Birkirkara u bin-numru tal-identita 493869M talli f'dawn il-gzejjer fis-2 ta' Dicembru 2003 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu, anki jekk fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda b'mezzi kontra l-ligi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz, jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet,

obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw bi ksur tal-artikoli 18 u 183 rispettivament tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza imsemmija fl-artikolu 183 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ai termini tal-artikolu 184 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor specifikatament il-Gvern ta' Malta u dan ai termini tal-artikolu 308 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-lum stess fejn l-imputat ammetta ghall-ewwel u t-tieni akkuza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel u it-tieni akkuza bit-tielet akkuza assorbita u wara li rat Art 183 u 184 tal-kap 9 u Art 22 tal-kap 446 tilliberah lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------